MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1900/1997/1

**Giuseppi Spiteri**

**vs**

**Anthony Theuma, David Theuma u Michael Theuma**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni fl-ismijiet premessi, l-attur talab lill-esponenti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet moghtija fic-citazzjoni, ma ghandhomx jigu ikkundannati mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, previa dikjarazzjoni li l-konvenuti

ikkommettew spoll fil-konfront ta’ l-attur fir-rigward tal-passagg li huwa ghandu minn fuq l-ghalqa li qed izommu f’idejhom l-imsemmija konvenuti u maghrufa bhala “tac-Cirimella” fil-limiti ta’ Hal Kirkop, sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa hija li l-imsemmija jirripristinaw lill-attur fl-uzu tal-passagg imsemmi li huwa ghandu bir-rigel, bil-bhima u bit-truck.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B’sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ April, 2001, l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet billi laqghet it-talbiet ta’ l-attur, kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u konsegwentement ipprefiggiet terminu ta’ sittin gurnata sabiex il-konvenuti jirripristinaw lill-attur fl-uzu tal-passagg imsemmi li huwa ghandu bir-rigel, bil-bhima u bit-truck, u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Frederick Doublet li gie nominat ghal tali skop, u dan billi titnehha l-istess xatba u wkoll jigi ristabilit l-istess passagg fil-ghalqa tal-konvenuti fejn gie mahrut mill-istess konvenuti, u fin-nuqqas li l-istess konvenuti jaghmlu tali xogholijiet fit-terminu prefiss, l-ewwel Qorti awtorizzat lill-attur, dejjem taht id-direzzjoni ta’ l-imsemmi perit, jaghmel l-istess xogholijiet huwa a spejjez tal-konvenuti.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

3. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati mill-imsemmija sentenza u interponew appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

(I) Illi l-ewwel Qorti, bir-rispett kollu, kellha tindaga dwar x’tip, jekk effettivament kellu, ta’ pussess kellu l-attur.

Fil-premessa u fid-dikjarazzjoni, l-attur, bil-gurament tieghu jiddikjara “illi ghal din l-ghalqa huwa jghaddi u ilu jghaddi tul dawn l-ahhar <u>*erbghin sena*</u> minn fuq passagg fl-ghalqa li qeghdha f’idejn il-konvenuti”.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li bazat id-decizjoni taghha fuq il-premessa “illi l-Qorti tinnota li l-konvenuti ma taw l-ebda spjegazzjoni ghaliex baqghet tezisti din il-fetha bejn il-proprjeta` taghhom u dik ta’ l-attur, u ghaliex l-istess illum tinsab imbarrata bit-tankijiet;  sostnew biss li tali ticrita fil-hajt qatt ma rawha u saret mill-istess attur bil-

mohbi taghhom”. U ma ghandhomx x’jaghtu ghax la l-fehta u lanqas it-tankijiet ma kienu hemm la qabel xtraw u lanqas wara. Il-fetha u ghalhekk it-tankijiet, saru mil-lum ghal ghada fis-sieghat precedenti l-incident u ghalhekk l-appellanti ma kienux jafu bihom.

Illi inoltre, bir-rispett kollu, jigi sottomess li bilfors sfugga lill-ewwel Onorabbli Qorti dettall importantissimu dokumentat u cioe` ir-ritratt esebit migbud mill-ajru.

Dan ir-ritratt juri bl-akbar mod car li fil-jiem precedenti ghall-akkwist u dawk sussegwenti ma kienx hemm xi bieb jew ossia fetha ghal fuq l-art akkwistata mill-appellanti jew li l-istess appellat kien igawdi xi dritt ta’ passagg bir-rigel jew xorta ohra minn fuq l-istess art.

Li kieku vera l-appellat kien jghaddi minn hemm tul 40 sena, kieku dan l-istat ta’ fatt kien jirrizulta mir-ritratt. Izda xejn minn dan.

Illi din il-prova dokumentata ma gietx migbura biex issostni din il-prova jew xi prova ohra. Giet migbura b’mod incidentali pero` zgur illi tkisser id-dikjarazzjoni ta’ l-appellant li ilu jaghmel uzu jew ahjar li qatt xi darba kien fil-pussess ta’ l-uzu ta’ xi passagg minn fuq l-art in kwistjoni.

Illi jigi enfasizzat ukoll illi l-prova li tirrizulta minn dan ir-ritratt ma giet kontradetta bl-ebda mod mill-attur. Meta dan l-istess ritratt gie muri lill-attur u dan kif jirrizulta mix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 1999, kull ma qal kien “nghid illi minn dan ma nistax nifhem il-konfigurazzjoni ta’ l-art” u dan avolja l-appellanti oltre milli spjegaw u indikaw id-diversi punti fuq l-istess ritratt.

Illi l-unika raguni ghal dan kienet illi r-ritratt jitkellem wahdu u jidher bl-aktar mod car li minn fuq dik l-ghalqa, meta kienet ghand Leonard Spiteri, huwa, l-appellant, la qatt ghadd bir-rigel, la bil-bowser u taht l-ebda forma ohra ghax ma kellux access minn hemm.

Illi ghalhekk l-esponenti appellanti ma jistghux jifhmu, kif, fil-process li l-ewwel Qorti nediet sabiex tistabilixxi jekk l-appellat kellux il-pussess tal-passagg jew le, hadet in konsiderazzjoni x-xhieda ta’ Leonard Spiteri li jghid li hu fakkar lill-appellanti dwar l-access li kellu l-appellat minn fuq l-istess ghalqa (izda l-appellanti min-naha l-ohra ma jistghux jifhmu kif allura l-istess Leonard Spiteri ma iddikjarax l-istess fl-iskrittura ta’ trasferiment gialadarba ried jipprotegi lil huh) filwaqt li fl-istess hin, injorat prova dokumentata u cioe` r-ritratt mehud mill-ajru li jikkontradixxi dan kollu.

Illi ghalhekk, jigi sottomess bir-rispett illi hemm prova cara li mhux talli l-appellant ma kellux pussess tal-passagg izda sahansitra iddikjara bil-gurament ghal darba tnejn, hwejjeg li ma kienux vera simili u dan kif jirrizulta mill-istess ritratt li zgur il-prova tieghu kellha tiddetermina din il-kawza u dan peress illi kif enunzjat l-ewwel Onorabbli Qorti, f’tali kawzi, il-Qorti trid tidhol biss fil-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni” li jirrizulta li l-appellat ma kellux.

Illi lanqas ma seta’ l-appellat akkwista xi dritt ta’ passagg wara li l-appellanti hadu l-pussess ta’ l-ghalqa ta’ Leonard Spiteri peress illi kieku dan kien il-fatt, meta l-appellanti xkupaw l-art formanti l-parti akkwistata minghand Katerina Cassar u dan kif jirrizulta mill-istess ritratt li ghalih qeghdha ssir ir-referenza, (li tigi qabel dik akkwistata minghand Leonard Spiteri) kieku l-appellat kien jipprotesta ma’ l-appellanti fis-sens li kienu harbtulu l-moghdija. Dan qatt ma sehh.

(II) Illi, fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju jigi sottomess bir-rispett illi l-ewwel Onorabbi Qorti taghmel referenza u tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku li fir-rapport tieghu f’pagna 11 para. 8.1 jiddikjara li hu ipprepara pjanta “bazata fuq ingrandiment tal-parti mill-pjanta tal-Land Registry” ……. “imbaghad giet intraccjata fuq tracing paper u emendata sabiex tikkorrispondi mas-sitwazzjoni fuq il-post ……”

Illi, jigi sottomess bir-rispett illi dak li kellha taghmel l-ewwel Onorabbli Qorti, kif fil-fatt hi dikjarat, kien li jigi stabbilit jekk l-attur kienx fil-pussess jew detenzjoni.

Issa jirrizulta anke mill-pjanta li giet esebita mill-appellanti, li hija wkoll kopja bhal dik li tinsab fil-Land Registry u li ghaliha ghamel referenza l-Perit Tekniku nominat mill-istess Onorabbli Qorti, (pjanti li huma ricentissimi) illi l-fetha li qeghdha ssir referenza ghaliha sew mill-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Perit Tekniku, ma tirrizultax u ghalhekk dak kollu li xehdu u stabbilew l-appellanti permezz tar-ritratt huwa korroborat anke mill-istess pjanta li **kellu** jemenda l-Perit Tekniku.

Illi ghaldaqstant jigi enfasizzat il-punt illi bhala ma prima facie jrid jirrizulta lill-Qorti li l-attur kellu pussess jew detenzjoni tal-haga sabiex tirrizulta l-azzjoni, hekk ukoll, prima facie, gialadarba jirrizulta bl-aktar mod car in-nuqqas ta' ezistenza ta' l-istess dritt vantat, kellha din l-istanza tigi michuda. Altrimenti tkun qeghdha tigi kawza ta' ingustizzja stante dak li qatt ma pusseda jew iddetjena jsib ruhu fil-pussess jew detenzjoni bhal ma hu il-kaz odjern.

(III) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt li l-appellanti bnew xatba biex jghalqu l-proprjeta` taghhom ma jikkostitwix spoll fil-konfront ta' l-appellat.
Illi minn imkien mill-provi prodotti mill-appellat ma jirrizulta li kien hemm xi incident jew xi rapport intavolat mal-Puluzija ghajr referenza ghall-incident li nqala' fl-14 ta' Awissu 1997, u proprju fil-jum li ghall-ewwel darba l-appellat iddikjara li ghandu dritt ta' access.

Kif xehed l-appellant Anthony Theuma, fl-ghalqa illi fiha l-appellat fetah il-bieb ghal go taghhom, huwa kien jaccedi ta' spiss u fil-fatt kellu l-qarabaghli dik il-habta. Qatt ma ra l-fetha li l-ewwel Onorabbli Qorti bazat id-decizjoni taghha fuqha, qatt ma ra jew innota xi sinjali ta' tyres etc. fil-hamrija. Ma hemmx dubju illi li kieku vera l-appellat kien jghaddi minn hemm kuljum bil-vettura tieghu, zgur li kien hemm xi marka jew xi haga. Izda xejn.

Illi ghalhekk, mehud kont il-fatt illi l-appellanti qatt ma kienu ser jixtru art bi dritt ta’ passagg ghal terzi stante illi huma riedu jixtru l-art biex ihaffruha barriera; dato che il-fatt illi huma ghandhom proprjeta` kontigwa l-ghelieqi li kienu ghadhom kif akkwistaw u kienu jafu ben tajjeb li ghajr Katerina Cassar u Leonard Spiteri hadd ma kellu dritt ta’ access mill-bieb li jaghti ghal fuq Valletta Road; dato che kif jirrizulta mir-ritratt mehud mill-ajru mehud ftit wara li l-appellanti akkwistaw l-ghalqa ta’ Leonard Cassar [<u>recte</u>: Spiteri] (**<u>allura huma kienu diga’ ilhom xhur li akkwistaw l-ghalqa ta’ Katerina Cassar, xkupawha u qatt ma kien hemm xi opposizzjoni da parti ta’ l-appellat li harbtulu l-passagg mnejn jghaddi</u>**) ma jirrizulta l-ebda tracca jew ta’ fetha fil-hajt ta’ l-ghalqa divizorju anqas marki tal-vetturi fil-hamrija fost indikazzjonijiet ohra allura jsegwi li l-appellanti qatt ma kellhom l-animus necessitat mill-gurisprudenza ricenti sabiex jispossessaw lill-appellat.

F’dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet “Michael Caruana vs Anthony Zarb” deciza nhar id-9 ta’ Novembru 1987, kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet “Anthony Camilleri vs Doris Galea” deciza nhar il-25 ta’ Settembru 1989, li taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet “Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon” tat-22 ta’ April 1988 u “Grace Chetcuti vs Francis Muscat” tal-21 ta’ Gunju 1989, fejn gie ritenut illi:

“Il-molestja trid tkun akkompanjata mid-debitu <u>animus</u>. Il-molestja trid tkun akkompanjata mid-debitu <u>animus spoliandi</u>. L-atti li bihom tigi kommessa l-molestja mhux bizzejjed biex jikkostitwixxi spoll.”

Issa jigi rilevat bir-rispett illi fl-ebda hin ma irrizulta, waqt l-andament tal-kawza u mix-xhieda prodotta, illi l-fatt li l-appellanti bdew jikkostruwixxu x-xatba, dan beda jsir biex jispoljaw lill-appellat.

Irrizulta bl-aktar mod ampju u mhux kontradett, illi r-raguni li l-appellanti bnew l-istess kien semplicement in segwitu ghall-ordni moghtija lilhom mill-inginier responsabbli ghall-hrug tal-permessi ta’ barrieri u xejn izjed.

Illi ghalhekk zgur li ma kienx hemm l-animus spoliandi, element li l-appellat ried jipprova li kien jezisti u ghal liema raguni l-appellanti kellhom jigu liberati.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu, illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa’ l-aggravji ta’ l-esponenti appelllanti u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

## IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ GIUSEPPI SPITERI

4. L-attur appellat in succint wiegeb hekk:-
Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni.

(I) Illi l-ewwel aggravju ta’ l-appellanti jikkonsisti filli l-ewwel Qorti kellha tindaga dwar x’tip ta’ pussess kellu l-attur.

Illi dan l-aggravju ma jsib ebda konfort fil-ligi u fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar l-*actio spolii* li huma soddisfatti anke b’mera detenzjoni, kif gie ampjament citat fis-sentenza appellata.

Hu pacifiku li “hemm ir-rekwizit tal-pussess anke meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni.” (*Kaptan Stefano Xuereb vs Nobli Charles Sant Fournier* – A.C.12.12.1952).

L-indagni fl-actio spolii ghandha tkun wahda limitatissima, rigorusa u skarna u di natura rapida u effikaci sabiex jigi restitwit il-pussess u rimedjat id-disturb u dana kollu kif gie ben sostnut mill-ewwel Qorti.

(II) L-argument ta’ l-appellant dwar ritratti mehudin minnhom stess xi tlett snin qabel l-akkadut hu gratuitu u dghajjef. L-ewwelnett, ritratti *per se* ma jikkostitwux l-ahjar prova. L-attur iddikjara hu stess li l-moghdija giet mahruta mill-appellanti wara l-incident bejniethom meta hu kien hiereg minn go l-ghalqa u sabhom jaghmlu x-xatba.

Fit-tieni lok, din it-tezi ta' l-appellanti hi kontradetta mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-awtur taghhom stess, Leonard Spiteri, li ikkonferma l-ezistenza tal-moghdija u li Giuseppe Spiteri kien jaghmel uzu minnu, kif ukoll mix-xhieda guramentata kollha prodotti.

Fit-tielet lok, din it-tezi hi kontradetta minn aspetti fattwali ohra, per ezempju, il-fatt li l-attur bilfors kellu jgib bowser biex jimla' l-giebja tieghu, liema bowser kien jghaddi mill-moghdija. David Theuma xehed li "ma nafx li l-attur ghandu bir hdejn l-ghalqa tieghu", liema dikjarazzjoni hija sorprendenti ghaliex il-giebja tidher sew kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Tekniku.

Fatt iehor rilevanti hu l-posizzjoni tal-fetha fil-hajt divizorju li kwazi tista' tigbed linja dritta minn fejn kienet il-moghdija – indikazzjoni cara li l-moghdija kienet tkompli sal-hajt tieghu.

Illi l-appellanti argumentaw li kieku kienu jafu li kien hemm moghdija ma kienux jixtru l-ghalqa ta' Leonard Spiteri u ta' Katerina Cassar. Dan l-argument hu wkoll gratuitu u spekulattiv. Il-motivazzjonijiet ta' l-appellanti jistghu jkunu bosta u din l-ispjegazzjoni taghhom tista' ugwalment tingieb bhala prova ta' l-incentiv taghhom li jiehdu l-ligi b'idejhom kif fil-fatt ghamlu meta ghamlu x-xatba biex jimpedixxu kull access mill-attur.

(III) Illi t-tieni aggravju ta' l-appell hu li ma jirrizultax lanqas *prima facie* li l-esponent kien pussessur jew detentur u jaghmlu riferenza ghall-pjantu minnhom esebita.

Illi jigi sottomess bir-rispett li anke dan l-aggravju ghandu jigi michud. Hu pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell li l-apprezzament ta' fatt ta' Qorti ta' Prim Istanza ma ghandhiex tkun facilment iddisturbata.

Illi l-appellanti jaghmlu riferenza ghall-pjanti minnhom esebiti. Izda l-Qorti ghandha quddiemha provi ohra, fosthom l-access tal-Perit Tenkiku stess, u xhieda

guramentata. Inoltre, fit-12 ta' Jannar 2001, l-attur ipprezenta nota DOK GSA mehuda minn Survey Street ufficjali tal-Gvern fl-1968 li jindika il-fetha li hemm bejn iz-zewg hbula formanti parti mil-art, mertu tal-kawza u li taqbel mal-pjanta mahruga mill-Perit Tekniku.

Ukoll, jigi rilevat li l-Perit Tekniku ma sab ebda sinjal fattwali li jikkontradixxi dak li qed isostni l-attur, u cioe`, li l-fetha kienet ilha hemm miz-zmien. Kieku l-fetha saret recentement, kif donnu jridu jghidu l-appellanti, zgur il-Perit kien jinnotaha peress li l-hajt divizorju tas-sejjiegh hu antik u xoghol ricenti kien jidher fih. Jigi rilevat li l-appellanti kienu prezenti waqt l-access u setghu jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom u jigbdu l-attenzjoni tal-perit, dwar dawn is-suspetti taghhom, haga li ma ghamlux.

(IV) Illi anke t-tielet aggravju ta' l-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez. L-argument migjub hu li huma bnew xatba biex jaghlqu l-proprjeta` taghhom stess u b'hekk ma hemmx spoll fil-konfront ta' l-appellat.

Illi mhux minnu li ma kienx hemm rapport mal-Pulizija. Anzi, kontra l-appellanti ghad hemm proceduri kriminali a tenur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta proprju naxxenti mill-incident li gara u li ta lok ukoll ghal dawn il-proceduri.

Illi l-<u>animo</u> <u>spoliandi</u> jidher car mill-fatt ta' l-ispoll u mhux korrett it-tezi ta' l-appellanti li bix-xatba ma riedux jikkommettu spoll. Meta ghamlu x-xatba, huma effettivament ipprekludew lill-attur milli jkompli jaghmel uzu tal-moghdija li kienet taccedi ghal fuq l-ghalqa tieghu.

B'hekk u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrizultaw l-elementi kollha li jiggustifikaw ir-rimedju previst mil-ligi permezz ta' din l-azzjoni ta' spoll privileggjat.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. F'dan l-appell da parti tal-konvenuti li jikkoncerna kawza ta' spoll deciza kontra taghhom, l-appellanti ressqu

s-segwenti aggravji li l-Qorti sejra tigbor in succint kif ser jinghad:-

Illi l-ewwel Qorti kellha tindaga dwar x'tip ta' pussess (jekk effettivament kien jezisti) kellu l-attur. F'termini ta' fatt, l-appellanti qeghdin isostnu li l-fetha jew ticrita fil-hajt li tifred l-ghalqa ta' l-attur mill-ambjent taghhom ma kienitx tezisti qabel. Anzi jghidu li l-fetha kif ukoll it-tankijiet li hemm jiddelimitaw ambjent minn iehor "saru mil-lum ghal ghada fis-sieghat precedenti l-incident u ghalhekk l-appellanti ma kienux jafu bihom". Huma jsostnu li dan kollu jemergi kjarament minn ritratti mehudin mill-ajru u li l-Qorti ta' l-ewwel grad skartat ghal kollox. Oltre dan, isostnu wkoll li l-attur "la qatt ghadda (mill-ambjent li huma xtraw minghand Leonard Spteri, hu l-appellat) bir-rigel, la bil-bowser u taht l-ebda forma ohra ghax ma kellux access minn hemm". Meta huma akkwistaw l-ambjent de quo minghand Leonard Spiteri u naddfuha ("xkupaw l-art") ma kien hemm ebda reazzjoni min-naha ta' l-appellant. Anke mill-pjanta li hejja l-perit gudizzjarju l-fetha fuq imsemmija fil-hajt divizorju ma dehritx. Li kieku l-attur kien tassew jghaddi mill-ambjent taghhom b'xi vettura certament huma kienu jinnotaw xi sinjali ta' tyres fil-hamrija mentri huma qatt ma raw jew innutaw xi haga simili.

Fl-ahharnett, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti jghidu li x-xatba li bnew in ottemperament ma "ordni moghtija lilhom mill-inginier responsabbli ghall-hrug tal-permessi ta' barrieri u xejn izjed." Qatt ma kien hemm allura l-animus spoliandi fil-konfront ta' l-attur min-naha taghhom.

6. Din il-Qorti gharblet sew il-provi u jidhrilha li dak li gie ikkostatat u deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien gust u korrett.

Trattandosi ta' spoll hu risaput li l-unika indagini li trid taghmel il-Qorti hija dik li tara li kien hemm pussess da parti ta' l-ispoljat, li jista' jammonta anke ghal mera detenzjoni, u li jkun hemm turbativa ta' dan il-pussess da

parti ta' l-ispoljant u fl-ahharnett li l-azzjoni tittiehed kontrih entro xahrejn mill-akkadut.

7. Illi minkejja l-impressjoni li l-konvenuti riedu jaghtu li l-attur qatt ma ghadda mill-ambjenti li huma akkwistaw minghand hu l-attur, Leonard Spiteri, hemm provi sufficjenti li juru li effettivament l-attur kien u baqa' jghaddi minn dak l-ambjent li qabel kien ta' huh permezz ta' ingenji. Jekk il-konvenuti qatt ma nnutaw dan, dik affari taghhom. Li hu zgur hu li anke sahansitra meta ghamlu xatba biex jostakolaw l-access liberu mill-ambjent taghhom, l-attur kien gia` ghadda minn hemm b'vettura u kien ghadu hemm biha meta sar ix-xoghol. Il-fatt li l-konvenuti jsostnu li huma gew kostretti li jaghmlu xatba mill-awtoritajiet li johorgu permessi ghaz-zamma ta' barrieri ma jiggustifikax l-agir unilaterali taghhom di fronte l-attur. Li kieku huma offrew cavetta tax-xatba, allura kien ikun ifisser li l-konvenuti ma kellhom qatt f'mohhom, ossija ma riedux jipprivaw lill-attur mill-access li kellu li jghaddi minn hemmhekk imma l-provi mhux hekk juru. Inutli wkoll li l-konvenuti appellanti jiddikjaraw li fl-agir taghhom ma kienx hemm l-animus spoliandi ghar-raguni li hawn si tratta ta' res ipsa loquitur[1]. Il-konvenuti ghamlu enfazi kbira fuq il-fatt li minn ritratti mehuda ferm qabel l-akkadut ma kienet tidher ebda fetha jew ticrita fil-hajt li jifred l-ambjent taghhom mill-ghalqa ta' l-attur. Dwar dawn ir-ritratti ghandu jinghad li l-ewwel Qorti, li ikkonduciet sopraluog, setghet tikkostata de visu illi fetha tassew kien hemm u mill-provi jirrizulta li din ma saritx ricentement. F'kull kaz, pero`, il-konvenuti xorta wahda ma setghux jaqbdu u jiehdu l-ligi f'idejhom u jaghmlu xatba li tostakola l-access lill-attur. Hemm xhieda sufficjenti li tikkorobora t-tezi attrici u kwindi l-aggravji tal-konvenuti jidhru infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunjiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom

[1] Dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li l-animus spoliandi ma hux element kostituttiv ta' l-azzjoni ta' spoll privileggjat – ara "Dimitry Orlov noe. v. Edward Pavia pro. et noe.", Qorti ta' l-Appell, 14/1/2002; "Philip Grima v. Joseph Mifsud et", Qorti ta' l-Appell, 28/11/2003.

b'dan pero` li kemm-il darba ix-xatba tirrizulta lill-Perit Doublet li hi mehtiega, fuq ordni ta' l-awtoritajiet kompetenti, minhabba l-periklu ghall-pubbliku dovut ghall-barrieri, flok titnehha x-xatba l-konvenuti ghandhom jikkonsenjaw lill-attur ic-cavetta taghha.  It-terminu ta' sittin gurnata msemmi fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------